



---

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

---

**2018/0154(COD)**

2.10.2018

## **POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI**

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali  
(COM(2018)0307 – C8-0182/2018 – 2018/0154(COD))

Għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Angelika Mlinar (rapporteur)

PA\_LegPosition

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, l-emenda li ġejja:

### Amendment 1

#### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Minħabba l-bidla kostanti u n-natura diversa tal-flussi migratorji attwali, hemm il-ħtieġa ta' dejta statistika komprensiva u komparabbli diżaggregata skont il-ġeneru dwar il-popolazzjoni tal-migranti biex tiġi mifhuma r-realtà, jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi, u biex min ifassal il-politika jiġi pprovdut b'dejta u informazzjoni affidabbli għad-definizzjoni ta' politiki pubbliċi futuri.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(3) Sabiex l-Unjoni tingħata appoġġ biex twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi li jirriżultaw mill-migrazzjoni, hemm il-ħtieġa ta' dejta **ta'** frekwenza **ta' darbtejn fis-sena** dwar l-asil u l-migrazzjoni **magħżula**.

(3) Sabiex l-Unjoni tingħata appoġġ biex twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi li jirriżultaw mill-migrazzjoni, **u biex tiżviluppa politiki li jikkunsidraw id-dimensjoni tal-ġeneru u li jkun bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem**, hemm il-ħtieġa ta' dejta **li tingħata bi** frekwenza **subannwali** dwar l-asil u l-migrazzjoni **ġestita**.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-istatistika dwar l-asil u l-migrazzjoni **magħżula** hija fundamentali għall-istudju, id-definizzjoni u l-evalwazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki, b'mod partikolari fir-rigward tat-tweġibiet dwar il-wasla ta' persuni li qed jfittxu l-protezzjoni fl-Ewropa.

*Emenda*

(4) L-istatistika dwar l-asil u l-migrazzjoni **ġestita** hija fundamentali għall-istudju, id-definizzjoni u l-evalwazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki, b'mod partikolari fir-rigward tat-tweġibiet dwar il-wasla ta' persuni li qed jfittxu l-protezzjoni fl-Ewropa **u biex jiġu rikonoxxuti l-ħtiġijiet u s-servizzi speċifiċi li gruppi jew persuni partikolari jista' jkollhom, speċjalment dawk li jħabbtu wiċċhom ma' diversi forom ta' diskriminazzjoni u li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli matul il-proċess tal-migrazzjoni u l-asil bħal ma huma n-nisa, in-nisa tqal, it-tfal, il-minorenni mhux akkumpanjati, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni LGBTI+, il-vittmi ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, fost oħrajn.**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament  
Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament  
Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Sabiex tkun żgurata l-kwalità, u,

*Emenda*

**(4a) Il-persekuzzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru ta' persuna tikkostitwixxi raġuni biex wieħed ifittex u jingħata protezzjoni internazzjonali. L-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej tal-istatistika jenħtieġ li jiġbru l-istatistika dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali abbażi ta' raġunijiet ta' ġeneru, inkluża l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru.**

*Emenda*

(5) Sabiex tkun żgurata l-kwalità, u,

b'mod partikolari, l-komparabbiltà, tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri, u biex ikunu jistgħu jinġabru ħarsiet ġenerali affidabbli fil-livell tal-Unjoni, id-dejta użata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-istess kunċetti, u jenħtieġ li tirreferi għall-istess data jew perjodu ta' referenza.

b'mod partikolari, l-komparabbiltà, tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri, u biex ikunu jistgħu jinġabru ħarsiet ġenerali affidabbli fil-livell tal-Unjoni, id-dejta użata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-istess kunċetti, u jenħtieġ li tirreferi għall-istess data jew perjodu ta' referenza. ***Tali dejta jenħtieġ li tkun diżaggregata skont il-ġeneru u l-età u tinkludi informazzjoni dwar il-flussi regolari u irregolari, it-traffikar tal-bnedmin, il-ħtiġijiet tar-rifuġjati, tal-migranti u tal-komunitajiet ospitanti u kwistjonijiet oħra.*** <sup>1a</sup>

---

*1a*

[http://www.un.org/en/ga/search/view\\_doc.asp?symbol=A/RES/71/1](http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/71/1)

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Dan ir-Regolament jiggerantixxi d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u tal-familja **u** għall-protezzjoni tad-dejta personali, kif stabbilit fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

*Emenda*

(10) Dan ir-Regolament jiggerantixxi d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u tal-familja, għall-protezzjoni tad-dejta personali, ***in-non-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, kif stabbilit fl-Artikoli 7, 8, 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(10a) Il-ġbir ta' dejta diżaggregata skont il-ġeneru jippermetti l-identifikazzjoni u l-analiżi tal-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet speċifiċi tan-nisa u tal-irġiel, u b'hekk jiġu żvelati l-lakuni u l-inugwaljanzi. Dejta li tikkunsidra d-***

*dimensjoni tal-ġeneru dwar il-migrazzjoni għandha l-potenzjal li tippromwovi ugwaljanza akbar u toffri opportunitajiet għall-gruppi żvantaġġati. L-istatistika dwar il-migrazzjoni jenħtieġ ukoll li tqis fatturi bħalma huma l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali biex tinġabar dejta dwar l-esperjenzi tal-persuni LGBTQI+ u l-inugwaljanzi fil-proċessi tal-migrazzjoni u tal-asil.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 3 – paragrafu 1

#### *Test fis-seħħ*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bi statistika dwar in-numri ta':

(a) immigranti deħlin fit-territorju *ta' l-Istat* Membru, imqassma kif ġej:

(i) gruppi *skond* iċ-ċittadinanza *skond* l-età u *s-sess*;

(ii) gruppi *skond* il-pajjiż *ta' twelid skond* l-età u *s-sess*;

(iii) gruppi *skond* il-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti *skond* l-età u *s-sess*;

(b) emigranti ħerġin mit-territorju *ta' l-Istat* Membru, imqassma kif ġej:

(i) gruppi ta' ċittadinanzi;

(ii) l-età;

(iii) *is-sess*;

(iv) *skond* gruppi ta' pajjiżi tar-residenza abitwali sussegwenti;

(c) persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Istat Membru fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, imqassma kif ġej:

#### *Emenda*

*(-1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bi statistika dwar in-numri ta':

(a) immigranti deħlin fit-territorju *tal-Istat* Membru, imqassma kif ġej:

(i) gruppi *skont* iċ-ċittadinanza *skont* l-età u *l-ġeneru*;

(ii) gruppi *skont* il-pajjiż *tat-twelid skont* l-età u *l-ġeneru*;

(iii) gruppi *skont* il-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti *skont* l-età u *l-ġeneru*;

(b) emigranti ħerġin mit-territorju *tal-Istat* Membru, imqassma kif ġej:

(i) gruppi ta' ċittadinanzi;

(ii) l-età;

(iii) *il-ġeneru*;

(iv) *skont* gruppi ta' pajjiżi tar-residenza abitwali sussegwenti;

(c) persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Istat Membru fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, imqassma kif ġej:

(i) gruppi *skond* iċ-ċittadinanza *skond* l-età u *s-sess*;

(ii) gruppi *skond* il-pajjiż *ta' twelid skond* l-età u *s-sess*;

(d) persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju *ta' l-Istat* Membru u li kisbu, matul il-perjodu ta' referenza, iċ-ċittadinanza *ta' l-Istat* Membru u li qabel kellhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz jew li qabel kienu mingħajr Stat, imqassma *skond* l-età u *s-sess*, u *skond* iċ-ċittadinanza preċedenti tal-persuni kkonċernati u *skond* jekk il-persuna kinitx preċedentement mingħajr Stat.

(i) gruppi *skont* iċ-ċittadinanza *skont* l-età u *l-ġeneru*;

(ii) gruppi *skont* il-pajjiż *tat-twelid skont* l-età u *l-ġeneru*;

(d) persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju *tal-Istat* Membru u li kisbu, matul il-perjodu ta' referenza, iċ-ċittadinanza *tal-Istat* Membru u li qabel kellhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz jew li qabel kienu mingħajr Stat, imqassma *skont* l-età u *l-ġeneru*, u *skont* iċ-ċittadinanza preċedenti tal-persuni kkonċernati u *skont* jekk il-persuna kinitx preċedentement mingħajr Stat.

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32007R0862&qid=1536826306115&from=MT>)

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Din l-istatistika għandha tkun diżaggregata skont l-età u *s-sess*, u skont iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Hija għandha tkun relatata mal-perjodi ta' referenza ta' xahar kalendarju u għandha tkun provduta lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien xahrejn mit-tmiem tax-xahar ta' referenza. L-ewwel xahar ta' referenza għandu jkun Jannar 2020.

#### *Emenda*

Din l-istatistika għandha tkun diżaggregata skont l-età u *l-ġeneru*, u skont iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Hija għandha tkun relatata mal-perjodi ta' referenza ta' xahar kalendarju u għandha tkun provduta lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien xahrejn mit-tmiem tax-xahar ta' referenza. L-ewwel xahar ta' referenza għandu jkun Jannar 2020.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punti ea u ed (ġodda)

**(ba) Fil-paragrafu 2, jiżdiedu l-punti (ea) u (eb) kif ġej:**

**"(ea) persuni koperti minn deċiżjonijiet tal-ewwel istanza li jiċħdu l-applikazzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja ma' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali;**

**(eb) persuni koperti minn deċiżjonijiet tal-ewwel istanza li japprovaw ir-riunifikazzjoni tal-familja ma' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali."**

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Din l-istatistika għandha tkun diżaggregata skont l-età u *s-sess*, u skont iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Hija għandha tkun relatata ma' perjodi ta' referenza ta' tliet xhur kalendarji u għandha tkun provduta lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien xahrejn mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun Jannar sa Marzu 2020.

*Emenda*

Din l-istatistika għandha tkun diżaggregata skont l-età u *l-ġeneru*, u skont iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Hija għandha tkun relatata ma' perjodi ta' referenza ta' tliet xhur kalendarji u għandha tkun provduta lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien xahrejn mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun Jannar sa Marzu 2020.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt e

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Din l-istatistika għandha tkun diżaggregata skont l-età u *s-sess*, u skont iċ-ċittadinanza

*Emenda*

Din l-istatistika għandha tkun diżaggregata skont l-età u *l-ġeneru*, u skont iċ-



tal-persuni kkonċernati, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Addizzjonalment, għall-punt (g), l-istatistika għandha tiġi diżaggregata skont il-pajjiż ta' residenza u skont it-tip ta' deċiżjoni dwar l-asil. Hija għandha tkun relatata mal-perjodi ta' referenza ta' sena kalendarja u għandha tkun provduta lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien tliet xhur mit-tmiem tas-sena ta' referenza. L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2020.

ċittadinanza tal-persuni kkonċernati, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Addizzjonalment, għall-punt (g), l-istatistika għandha tiġi diżaggregata skont il-pajjiż ta' residenza u skont it-tip ta' deċiżjoni dwar l-asil. Hija għandha tkun relatata mal-perjodi ta' referenza ta' sena kalendarja u għandha tkun provduta lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien tliet xhur mit-tmiem tas-sena ta' referenza. L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2020.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

#### *Test fis-seħħ*

L-istatistika taħt punt (b) għandha tkun **imqassma skond** l-età u *s-sess*, u **skond** iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati.

#### *Emenda*

**(1a) Fl-Artikolu 5(1), is-subparagrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

L-istatistika taħt punt (b) għandha tkun **diżaggregata skont** l-età u **l-ġeneru**, u **skont** iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati.

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32007R0862&qid=1536826306115&from=MT>)

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – punt i

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) permessi maħruġa matul il-perjodu ta' referenza li bih il-persuna tkun qed tingħata l-permess sabiex tirrisjedi għall-ewwel darba, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, skont ir-raġuni għall-ħruġ tal-permess, skont it-tul tal-validità tal-

#### *Emenda*

(i) permessi maħruġa matul il-perjodu ta' referenza li bih il-persuna tkun qed tingħata l-permess sabiex tirrisjedi għall-ewwel darba, diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, skont ir-raġuni għall-ħruġ tal-permess, skont it-tul tal-validità tal-

permess, skont l-età u skont *is-sess*;

permess, skont l-età u skont *il-ġeneru*;

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) permessi maħruġa matul il-perjodu ta' referenza u mogħtija meta persuna tkun qed tibdel l-istat tal-immigrazzjoni jew ir-raġuni għala trid tibqa', diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, skont ir-raġuni għall-ħruġ tal-permess, skont it-tul tal-validità tal-permess, skont l-età u skont *is-sess*;

#### *Emenda*

(ii) permessi maħruġa matul il-perjodu ta' referenza u mogħtija meta persuna tkun qed tibdel l-istat tal-immigrazzjoni jew ir-raġuni għala trid tibqa', diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, skont ir-raġuni għall-ħruġ tal-permess, skont it-tul tal-validità tal-permess, skont l-età u skont *il-ġeneru*;

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) permessi validi fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza (in-numru tal-permessi maħruġa, mhux irtirati u mhux skaduti), diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, skont ir-raġuni tal-ħruġ tal-permess, skont it-tul tal-validità tal-permess, skont l-età u skont *is-sess*;

#### *Emenda*

(iii) permessi validi fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza (in-numru tal-permessi maħruġa, mhux irtirati u mhux skaduti), diżaggregati skont iċ-ċittadinanza, skont ir-raġuni tal-ħruġ tal-permess, skont it-tul tal-validità tal-permess, skont l-età u skont *il-ġeneru*;

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) in-numru ta' residenti fit-tul, fit-

#### *Emenda*

(b) in-numru ta' residenti fit-tul, fit-

tmiem tal-perjodu ta' referenza, diżaggregat skont iċ-ċittadinanza, skont l-età u skont *is-sess*."

tmiem tal-perjodu ta' referenza, diżaggregat skont iċ-ċittadinanza, skont l-età u skont *il-ġeneru*."

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 7 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-istatistika indikata fil-paragrafu 1 għandha tkun relatata ma' perjodi ta' referenza ta' *sena kalendarja* u għandha tkun *provduta* lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien *tliet xhur* mit-tmiem *tas-sena* ta' referenza. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun Jannar sa Marzu 2020.

#### *Emenda*

2. L-istatistika indikata fil-paragrafu 1 għandha tkun *diżaggregata skont l-età u l-ġeneru tal-persuna kkonċernata, u skont il-minorenni mhux akkumpanjati. Hija għandha tkun* relatata ma' perjodi ta' referenza ta' *tliet xhur kalendarji* u għandha tkun *ipprovduta* lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien *xahrejn* mit-tmiem *tal-perjodu* ta' referenza. L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun Jannar sa Marzu 2020.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 862/2007

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(4a) Fl-Artikolu 9(1), jiddaħħal subparagrafu ġdid kif ġej:**

***Bħala prinċipju ġenerali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u ta' dawk li jfittxu l-asil, id-dritt tagħhom għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta personali għandhom jiġu rrispettati u d-dejta għandha tinġabar bil-kunsens u l-parteċipazzjoni volontarja tagħhom\****

*\* Prinċipji u Linji Gwida, appoġġati minn gwida Prattika, dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fi ħdan movimenti kbar u/jew imħallta*